MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1997/2003

**Miread Caruana Montaldo**

**vs**

**Jason Pace ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Prit Services**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin rapprezwntanti prezz ta' computer u accessorji li gew ritornati lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 2003.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm525.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------